L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2021

P9_TA(2021)0338

L-impatt tal-parks eoliċi fuq il-baħar u ta' sistemi oħra ta' enerġija rinnovabbli fuq is-settur tas-sajd

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2021 dwar l-impatt tal-parks eoliċi fuq il-baħar u ta' sistemi oħra ta' enerġija rinnovabbli fuq is-settur tas-sajd (2019/2158(INI))

(2022/C 99/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),

— wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Mejju 2020 għal interazzjonijiet pożittivi bejn il-parks eoliċi fuq il-baħar u s-sajd,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-Ekonomija Blu 2020 tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2020,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2020 intitolata "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 – Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" (COM(2020)0562),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2020 bit-titlu "Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima" (COM(2020)0741),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu ([2]) ("Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet (COP21) għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) li saret f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2018 dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna fil-kuntest tal-SDGs 2030 ([4]),

— wara li kkunsidra s-servizzi ta' mmappjar "EMODnet Human Activities Vessels Density Mapping – Service, 2019" u "Offshore Renewable Energy Developments – 2018" tas-Sistema ta' Ġestjoni tad-Data u tal-Informazzjoni OSPAR,

— wara li kkunsidra l-parir tal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana (NSAC) tat-28 ta' Diċembru 2020 dwar l-iżvilupp tal-interazzjonijiet tal-parks eoliċi fuq il-baħar u s-sajd,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ġunju 2021 bil-għan li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") ([5]),

([1]) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.
([2]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135.
([3]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.
([4]) ĠU C 458, 19.12.2018, p. 9.
([5]) Testi adottati, P9_TA(2021)0309.

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2021

— wara li kkunsidra l-istudju tat-12 ta' Novembru 2020 mitlub mill-Kumitat għas-Sajd (PECH) dwar l-impatt tal-użu ta' enerġija eolika fuq il-baħar u sorsi oħra ta' enerġija tal-baħar rinnovabbli fuq is-sajd Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0184/2021),

A. billi l-UE għandha l-għan li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku; billi l-Kummissjoni pproponiet objettiv ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) ta' mill-inqas 55 % sal-2030, filwaqt li l-Parlament talab li l-għan għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-GHG ikun ta' 60 % sal-2030; billi l-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar hija waħda mill-għażliet li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu biex jilħqu dan l-għan billi għandu jkollha rwol ewlieni biex tilħaq dawn l-objettivi permezz ta' approċċ integrat li jqis it-tliet pilastri tas-sostenibbiltà;

B. billi skont it-Trattati, l-UE għandha r-responsabbiltà li tiżgura s-sigurtà tal-provvista u l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeterminaw l-istruttura tal-provvista tal-enerġija tagħhom u l-għażla tas-sorsi tal-enerġija tagħhom, filwaqt li jirrispettaw il-miri tal-UE għan-newtralità klimatika sal-2050;

C. billi, skont l-istimi tal-Kummissjoni, 30 % tad-domanda tal-elettriku tal-UE fl-2050 ser tintlaħaq permezz tal-enerġija eolika fuq il-baħar, li tikkorrispondi għal żieda fil-kapaċità tal-enerġija eolika fuq il-baħar fl-UE-27, mit-12-il GW attwali għal mira ta' 300 GW fl-2050; billi, skont l-istimi tal-Kummissjoni, id-domanda se tilħaq 40 GW ta' kapaċità tal-enerġija mill-oċeani sal-2050;

D. billi skont l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni trid tiżgura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, tippromwovi l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u tippromwovi l-interkonnessjoni tan-networks tal-enerġija; billi d-definizzjoni tat-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri tibqa' kompetenza nazzjonali, u għalhekk it-taħlitiet tal-enerġija huma diversifikati ħafna;

E. billi l-ibħra tat-Tramuntana (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Baltiku u l-Atlantiku tal-Grigal) jirrappreżentaw aktar minn 85 % tal-kapaċità eolika fuq il-baħar fl-ibħra tal-UE-27;

F. billi l-karatteristiċi ġeografiċi tal-Istati Membri u tal-baċiri tal-baħar Ewropej ivarjaw ħafna madwar l-UE; billi l-iżvilupp ta' parks eoliċi fuq il-baħar (OWFs) u sistemi oħra ta' enerġija rinnovabbli huwa bħalissa kkonċentrat fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Baltiku, fejn il-kundizzjonijiet huma aktar favorevoli; billi, fil-futur, il-possibbiltà jew ix-xewqa li jinħolqu jew jiżdiedu d-daqs jew il-kapaċità ta' installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar se jkunu daqstant differenti ħafna f'kull baċir u Stat Membru;

G. billi fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit ġie miftiehem li l-bastimenti tas-sajd tal-UE se jkomplu bl-aċċess reċiproku għall-ibħra tar-Renju Unit u għalhekk se jkomplu jikkondividu l-ispazju marittimu Ewropew li bħalissa fih 110 park eoliku fuq il-baħar b'aktar minn 5 000 turbina eolika;

H. billi l-provvista tal-enerġija eolika tista' tkun irregolari u instabbli, minħabba t-tibdil fiċ-ċirkostanzi tat-temp;

I. billi l-possibbiltajiet għall-ħżin tal-enerġija eolika għadhom limitati ħafna;

J. billi sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar bħal teknoloġiji tal-mewġ, tal-marea u termali, installazzjonijiet fotovoltajċi galleġġanti u l-użu tal-alga għall-produzzjoni tal-bijofjuwils għandhom rwol importanti fl-istrateġija tal-Kummissjoni għall-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar, minkejja li bħalissa ma jeżistux installazzjonijiet fuq skala kbira li jiffunzjonaw; billi dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika u tmexxija Ewropea msaħħa, u joħolqu impjiegi ġodda; billi huwa meħtieġ li jitkomplew ir-riċerka u l-innovazzjoni, peress li sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar jistgħu jkunu promettenti u aktar xierqa f'ċerti żoni u jkollhom inqas impatt fuq l-attivitajiet tas-sajd, l-istokkijiet tal-ħut u l-ambjent tal-baħar;

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2021

K. billi t-turbini eoliċi fuq il-baħar għandhom ċiklu ta' ħajja medju ta' bejn 25 u 30 sena; billi s'issa ftit huma t-turbini li ġew dekummissjonati u r-riċiklaġġ għadu kumpless ħafna b'85 sa 90 % ta' turbina eolika żarmata li tiġi rriċiklata; billi viżjoni fit-tul ibbażata fuq ekonomija ċirkolari u approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja hija meħtieġa sabiex jiġu vvalutati l-impatti fuq attivitajiet oħra, bħas-sajd, u fuq komunitajiet u ekosistemi lokali, fi tmiem il-proġett; billi l-ekodisinn permezz tal-użu ta' materjali speċifiċi u d-disinn tal-infrastruttura jistgħu jrawmu l-iżvilupp tal-bijodiversità lokali; billi l-metodi ta' riċiklaġġ jew il-manutenzjoni tal-infrastrutturi bħala skollijiet artifiċjali għandhom jiġu vvalutati fi stadju bikri tal-konċepiment tal-proġett;

L. billi l-aktar mod effiċjenti fir-rigward ta' kost u spazju biex tintlaħaq il-mira tal-kapaċità fuq il-baħar tal-2050 ikun permezz tal-użu multiplu tal-istess spazju marittimu minn setturi differenti, billi jitqies approċċ ta' kobeneficċju, li skontu kull attività tibbenefika mill-oħra, peress li l-koabitazzjoni tal-attivitajiet tista' tkun pożittiva f'termini ta' beneficċji ambjentali u soċjoekonomiċi;

M. billi hemm kompetizzjoni dejjem akbar bejn l-użi differenti tal-ispazju marittimu, li spiss twassal biex jiġu injorati l-użi storiċi ta' valur storiku, kulturali, soċjali u ekonomiċi evidenti, bħas-sajd;

N. billi d-Direttiva għal Ippjanar tal-Ispazju Marittimu tiddikjara li l-Istati Membri jeħtiġilhom iqisu l-interazzjonijiet tal-attivitajiet u l-użi bħall-akkwakultura, is-sajd, u l-installazzjonijiet u l-infrastrutturi għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, kif ukoll il-kejbils sottomarini, għandhom jippromwovu l-koeżistenza ta' attivitajiet rilevanti u għandhom japplikaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema;

O. billi, permezz tal-pjanijiet tal-ispazju marittimu tagħhom, l-Istati Membri jeħtiġilhom ikollhom l-għan li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-setturi tal-enerġija fil-baħar, tat-trasport marittimu, tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, u l-preżervazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent, inkluża r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima. billi, f'dan ir-rigward, l-interessi tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom jingħataw attenzjoni speċjali u m'għandhomx jiġu marġinalizzati hekk kif l-Istati Membri jkomplu l-ħidma u r-reviżjonijiet sussegwenti tagħhom tal-pjanijiet tal-ispazju marittimu nazzjonali;

P. billi l-proposta tal-Kummissjoni għal Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità tiddikjara li "L-UE se tipprijoritizza s-soluzzjonijiet fosthom l-enerġija mill-oċeani, l-enerġija eolika fuq il-baħar li jippermettu riġenerazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut", filwaqt li studju reċenti ppubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni [6] tagħha jiżvela li "l-beneficċji potenzjali tas-sajd bħala konsegwenza tal-installazzjonijiet tal-Enerġija Rinnovabbli Fuq il-Baħar mhumiex mifhuma sew u hemm evidenza empirika pendenti";

Q. billi l-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha intitolata "Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar għal futur newtrali għall-klima", stiednet lill-awtoritajiet pubbliċi biex jippjanaw l-użu ta' enerġiji rinnovabbli fuq il-baħar fuq terminu twil u minn stadju bikri, filwaqt li jivvalutaw is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika tagħhom, jiżguraw il-koeżistenza ma' attivitajiet oħra, bħas-sajd u l-akkwakultura, u jiżguraw li l-pubbliku jaċċetta l-użi ppjanati;

R. billi s-sajd għandu impatt relattivament żgħir fuq il-PDG; billi huwa tal-akbar importanza għall-komunitajiet tas-sajd f'ħafna Stati Membri;

S. billi madwar 80 % tal-bastimenti kollha tas-sajd fl-UE huma bastimenti fuq skala żgħira, fejn ħafna minnhom huma negozji mmexxija minn familji li jmorru lura ġenerazzjonijiet u li joperaw prinċipalment f'ilmijiet kostali;

T. billi l-akkumulazzjoni ta' żviluppi attwali u futuri tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar għandha l-akbar impatt fuq l-operazzjonijiet tas-sajd li jkollhom fil-mira speċijiet demersali u krustaċji;

U. billi l-isfruttar tal-enerġija fuq il-baħar, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd u attivitajiet ekonomiċi oħra, jirrikjedi ppjanar konġunt u valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti kumulattivi, inklużi l-effetti soċjoekonomiċi;

---

[6] Studju – "Impact of the use of offshore wind and other marine renewables on European fisheries" (L-impatt tal-użu tal-enerġija eolika fuq il-baħar u sorsi oħra ta' enerġija tal-baħar rinnovabbli fuq is-sajd Ewropew), il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, id-Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, it-12 ta' Novembru 2020.

V. billi hija meħtieġa riċerka addizzjonali dwar l-effetti tal-OWFs u ta' sistemi oħra tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar fuq l-ambjent tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd;

W. billi l-Parlament jinsisti li l-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-klima trid tkun dik li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG fl-ekonomija kollha b'60 % meta mqabbla mal-1990;

X. billi l-esplorazzjoni tar-riżorsi eoliċi fuq il-baħar tal-UE u l-promozzjoni ta' proġetti tal-enerġija tal-baħar rinnovabbli b'mod kompatibbli ma' użi oħra tal-ispazju marittimu, primarjament is-sajd, filwaqt li jfittxu s-sinerġiji u jipproteġu l-bijodiversità, huma neċessità;

Y. billi l-monitoraġġ u l-analiżi empirika tal-prattiki tas-sajd qabel, matul u wara l-kostruzzjoni tal-OWFs huma importanti biex jinħoloq fehim aħjar tal-koeżistenza;

Z. billi s-sisien tat-tagħmir tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar jistgħu jattiraw il-ħajja tal-baħar u jista' jkollhom effett ta' skollijiet artifiċjali;

AA. billi l-Organizzazzjoni Idrografika Internazzjonali (IHO) tirrakkomanda li jiġu evitati attivitajiet tas-sajd f'distanza minima ta' 0,25 mil nawtiku (463 metru) fuq kull naħa ta' kejbil sottomarin biex jiġu mminimizzati r-riskji;

1. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat l-impatt potenzjali negattiv fit-tul ikkawżat minn turbini eoliċi fuq il-baħar fuq ċerti ekosistemi, l-istokkijiet tal-ħut u l-bijodiversità, u konsegwentement fuq is-sajd kollu kemm hu; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja għall-iżvilupp tagħhom, mill-kostruzzjoni sal-operat u d-dekummissjonar, u b'hekk l-importanza ta' studji rigoruż u dettaljati biex jiġu vvalutati l-impatti tat-turbini eoliċi fuq il-baħar eżistenti;

2. Jenfasizza li l-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar għandha tintuża b'tali mod li toħloq opportunitajiet għal attivitajiet oħra, permezz ta' approċċ ta' kobeneficċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi, u b'hekk tkun ta' beneficċju għas-sajjieda u l-komunitajiet lokali;

3. Iwissi li l-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar tkun sostenibbli biss jekk ma jkollha l-ebda impatt negattiv fuq l-ambjent u fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, speċjalment fir-reġjuni dipendenti fuq is-sajd;

4. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' riċerka dwar id-dekummissjonar ta' turbini eoliċi fuq il-baħar u dwar l-effetti tad-dekummissjonar fuq l-ambjent;

5. Jafferma mill-ġdid li tibqa' l-kompetenza ta' Stat Membru li jiddeċiedi dwar it-taħlita enerġetika u t-teknoloġiji li juża fuq livell nazzjonali;

6. Jenfasizza li l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija huma fost l-ixpruni ewlenin għall-kisba ta' ekonomija mingħajr emissjonijiet; jenfasizza li sabiex tintlaħaq il-mira tal-enerġija rinnovabbli għall-2030, il-kapaċità u l-produzzjoni tal-infrastruttura tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar jeħtieġ li jiżdiedu kif xieraq;

7. Jissottolinja l-potenzjal importanti tal-idroġenu rinnovabbli, inkluż mill-enerġija eolika u solari, biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni;

8. Jenfasizza li l-parks eoliċi galleġġanti għandhom il-potenzjal li jiġu żviluppati f'żoni tal-ilma fond, u dan se jippermetti t-tkabbir taż-żona vijabbli għall-iżvilupp tal-enerġija eolika filwaqt li jnaqqas il-viżibbiltà tagħhom mix-xatt; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw it-titjib u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġija sostenibbli ta' teknoloġija eolika fuq il-baħar galleġġanti li tnaqqas ulterjorment l-impatt fuq is-sajd;

9. Jenfasizza l-bżonn li jitnaqqas ir-riskju li l-introduzzjoni fuq skala kbira ta' OWFs tagħmel ħsara lill-funzjonament fiżiku tal-baċir tal-baħar, b'mod partikolari l-kurrenti tal-baħar u tal-ajru, li jistgħu jikkontribwixxu għal taħlit tal-kolonna tal-ilma stratifikat u konsegwentement jinfluwenzaw iċ-ċiklu tan-nutrijenti, il-ġenerazzjoni tal-mewġ, l-amplitudnijiet tal-marea u t-trasport tas-sediment fil-qiegħ, u li l-effetti ta' dawn iridu jiġu sorveljati mill-qrib, filwaqt li l-istorbju infrasoniku mill-pali li jkunu qegħdin iduru jista' jbiegħed lill-ħut, kif ukoll speċijiet mammiferi tal-baħar lil hinn mill-OWFs, u l-kampijiet elettromanjetiċi mill-kejbils ta' taħt l-ilma, kif ukoll ħsejjes taħt l-ilma mit-twaħħil tal-puntali, jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-krustaċji u l-ħajja tal-baħar; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa għal aktar żvilupp u riċerka dwar kif jistgħu jiġu evitati u mitigati dawn l-effetti negattivi;

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2021

10. Jieħu nota tal-importanza li jiġu implimentati l-aħjar prattiki f'termini tal-minimizzazzjoni tat-tfixkil u l-mitigazzjoni tal-ħsara għall-ekosistemi fl-istadju tal-ippjanar, dak operazzjonali u dak tad-dekummissjonar tal-attività fuq il-baħar;

11. Huwa tal-fehma li l-installazzjoni ta' unitajiet ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tal-baħar trid tiġi inkorporata fl-istrateġiji ta' żvilupp u fis-sovranità enerġetika ta' kull Stat u twieġeb għalihom filwaqt li tkun konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

12. Jenfasizza l-importanza li jitqiesu l-karatteristiċi morfoloġiċi u ġeografiċi taż-żoni li fihom se jiġu stabbiliti l-OWFs;

13. Huwa tal-fehma li d-deċiżjonijiet biex tiġi installata infrastruttura tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar valutazzjonijiet xjentifiċi tal-impatti assoċjati u jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati kollha fl-isfruttament taż-żoni li għandhom jiġu okkupati, b'mod partikolari l-komunitajiet tas-sajd assoċjati u l-organizzazzjonijiet tagħhom;

14. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu investigati l-effetti potenzjali, bħall-effetti tal-iskoll artifiċjali tas-sistemi rinnovabbli fuq il-baħar, fuq il-ħajja tal-baħar u s-sajd, li jistgħu jkunu limitati għall-fażi operattiva u li jiġi eżaminat kif id-dekummissjonar jista' jitwettaq b'tali mod li l-benefiċċji tiegħu jistgħu ma jkunux temporanji; jissottolinja li meta jiġu dekummissjonati l-OWFs, is-siti jeħtieġ li jitħallew fi stat li jippermetti attivitajiet tas-sajd jekk ikunu awtorizzati qabel il-kostruzzjoni jew matul il-fażi operattiva, u li jipproteġi u jirrispetta l-ambjent;

15. Jirrimarka l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi ta' qiegħ il-baħar meta jintużaw l-OWFs sabiex ma tinbeniex infrastruttura li toħloq r-riskju ta' bdil fil-ħabitat u l-ekosistema lokali;

16. Jipproponi li jiġu vvalutati l-kombinament u l-integrazzjoni tal-OWFs f'żoni marini protetti (MPAs) fir-rigward ta' ħabitats definiti b'mod ċar u objettivi ta' konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż dawk relatati mar-riżorsi tas-sajd; jissottolinja li għandhom jiġu stabbiliti kumitati ta' ġestjoni f'dawn l-MPAs sabiex tinkiseb koeżistenza aħjar tal-attivitajiet, u li trid tingħata l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti rilevanti inkarigata mill-MPAs;

17. Jenfasizza li l-OWFs għandhom, kull meta jkun possibbli, jitqiegħdu f'żoni fejn is-sajd mhuwiex permess, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi fuq l-industrija tas-sajd;

18. Jiddikjara li l-OWFs jaf ikollhom impatt fuq is-sajd billi jibdlu d-distribuzzjoni tal-ispazju u l-abbundanza ta' speċijiet tal-baħar mistada kummerċjalment kif ukoll permezz tal-għeluq tagħhom għal raġunijiet ta' sikurezza jew l-impożizzjoni ta' bidla fl-attività jew il-metodu tas-sajd, pereżempju minn attivi għal passivi;

19. Jinsisti fuq l-istabbiliment ta' djalogu u kooperazzjoni mas-sajjieda fi stadju bikri tal-proċess; jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-ekosistemi lokali u l-ispeċifiċitajiet tal-komunità lokali; jissottolinja l-ħtieġa ta' kumpens xieraq għas-sajjieda jekk l-istabbiliment ta' OWFs jaffettwa l-attivitajiet tagħhom;

20. Jieħu nota tal-fatt li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-bijodiversità għall-2030 tiddikjara li "L-UE se tipprijoritizza s-soluzzjonijiet fosthom l-enerġija mill-oċeani, il-parks eoliċi fuq il-baħar li jippermettu riġenerazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut" u li titqies il-possibbiltà ta' taħlita ta' OWFs u żoni protetti;

21. Jenfasizza li l-impatt ambjentali, soċjali u ekonomiku tal-OWFs jiddependi minn kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit, l-ekosistemi u l-attivitajiet tal-bniedem, u li l-kollaborazzjoni tal-partijiet ikkonċernati għal dak li jikkonċerna t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-OWFs hija kruċjali għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' interess komuni;

22. Jinnota li s-settur tas-sajd fuq skala żgħira u dak kostali u artiġjanali jista' jkun l-aktar affettwat mill-impatt tal-installazzjoni ta' dawn l-unitajiet ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar, minħabba l-prossimità relattiva ta' dawn l-unitajiet mal-kosta;

23. Jenfasizza l-fatt li intrapriżi fuq skala żgħira u dawk kostali se jiġu partikolarment affettwati b'mod partikolari jekk iseħħ l-ispostament, billi jaf ma jkollhomx il-kapaċità jmorru lejn postijiet għas-sajd aktar 'il barra jew li jibdlu il-metodu tas-sajd, b'mod partikolari jekk l-OWFs jinsabu f'ilmijiet territorjali (12-il mil nawtiku mill-kosta); jappella għal kumpens xieraq bħala soluzzjoni tal-aħħar rimedju;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-assigurazzjoni għall-bastimenti tas-sajd li joperaw f'żoni b'OWFs jew li jbaħħru fihom, peress li attwalment dan l-aċċess huwa problematiku ħafna minħabba l-livelli insuffiċjenti ta' indennizz offruti mill-poloz tal-assigurazzjoni tal-bastimenti tas-sajd;

25. Jindika li kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess għal żoni tas-sajd tradizzjonali taffettwa direttament l-għajxien tas-sajjieda minn Stati Membri kostali tal-UE differenti u impjiegi dipendenti fuq l-art; jenfasizza, għalhekk, li għandu jingħata kumpens xieraq bħala l-aħħar għażla meta jkun meħtieġ; barra minn hekk, jirrimarka li r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess jistgħu jdgħajfu l-provvista responsabbli u sostenibbli tas-sigurtà tal-ikel;

26. Jistieden lill-Istati Membri, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu, biex jagħżlu żoni tas-sajd storiċi u tradizzjonali speċifiċi għas-sajjieda lokali bħala żoni li għandhom jibqgħu ħielsa minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar;

27. Jenfasizza li analiżi tas-sovrapożizzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar u s-sajd tissuġġerixxi żieda drastika fil-potenzjal ta' kunflitt tal-ispazju f'ċerti bażiri tal-baħar Ewropej fis-snin li ġejjin; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' ppjanar tal-ispazju bikri li jinkludi l-partijiet interessati rilevanti kollha, fir-rigward kemm tat-tqegħid kif ukoll tat-tqassim tal-OWFs; jitlob li jiġu stabbiliti parteċipazzjoni, djalogi u networks effettivi fi stadju bikri, sabiex jitnaqqsu u jiġu evitati l-kunflitti;

28. Jenfasizza li bħalissa hemm xi eżempji ta' kooperazzjoni ta' attivitajiet tas-sajd (attivi jew passivi) f'żoni mal-OWFs; jenfasizza li approċċi kooperattivi ta' kodisinn għall-użu tal-OWFs, sabiex jiġu kkombinati ma' użi oħra, jistgħu jnaqqsu l-impatt potenzjali fuq is-sajd, isaħħu r-relazzjoni bejn id-diversi setturi involuti u jippermettu kooperazzjoni ta' benefiċċju bejniethom;

29. Jirrikonoxxi l-potenzjal għall-akkwakultura u għall-algakultura, kif ukoll għas-sajd passiv, f'żoni b'OWFs; jenfasizza, madankollu, li hija meħtieġa aktar riċerka sabiex jiġu vvalutati l-impatt ekoloġiku u l-potenzjal ekonomiku tagħhom;

30. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, apparti l-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd, is-sajjieda għandhom it-tendenza li jevitaw sajd f'żoni bl-OWFs, anke jekk l-aċċess ikun permess, minħabba r-riskju ta' ħsara aċċidentali, snagging u telf tal-irkaptu tas-sajd, u li konsegwentement il-biża' ta' esponiment potenzjali għar-responsabbiltà hija sors ta' tħassib li xxekkel il-koeżistenza;

31. Jenfasizza li t-taħlitiet tal-enerġija tar-reġjuni ultraperiferiċi u tal-gżejjer jiddependu ħafna mill-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, minkejja l-karatteristiċi lokali tagħhom li jwasslu għall-iżvilupp ta' sorsi rinnovabbli; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali u jiddedikaw finanzjament speċifiku għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar f'dawn it-territorji sabiex titnaqqas kemm jista' jkun id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili;

32. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' tagħmir eoliku fuq il-baħar galleġġanti li joħloq opportunitajiet għal installazzjonijiet f'żoni b'ilmijiet fondi, u jinvolvi distanza akbar mill-kosta, inqas impatt viżiv u inqas duplikazzjoni tal-ispazju potenzjali maż-żoni tas-sajd;

33. Jenfasizza li d-dekummissjonar tat-turbini eoliċi fuq il-baħar la għandu jiġġenera impatti ambjentali dejjiema u lanqas joħloq riskji għas-sikurezza tal-bastimenti tas-sajd minħabba kwalunkwe infrastruttura li tibqa' taħt qiegħ il-baħar; jirrimarka, barra minn hekk, li l-metodi ta' riċiklaġġ għandhom jiġu żviluppati aktar sabiex jitnaqqsu l-impatti fuq l-ambjent; iqis li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-parks eoliċi fuq il-baħar jinbnew biss jekk jittieħed approċċ integrat għall-proċessi taċ-ċiklu tal-ħajja tat-turbini eoliċi fuq il-baħar, li jfisser li mill-bidu nett huwa ċar kif it-turbini tar-riħ fuq il-baħar jistgħu jiġu ddisinjati, mibnija, użati, dekummissjonati u riċiklati b'mod sostenibbli; jenfasizza wkoll li l-istrateġiji ta' dekummissjonar li jipprevedu l-użu futur alternattiv jew it-tneħħija tal-kostruzzjonijiet iridu jiġu integrati fil-pjanijiet tad-disinn u l-installazzjoni mill-bidu nett u li l-impatt sostenibbli fit-tul irid jiġi kkunsidrat sabiex jaderixxi mal-prinċipji ta' ekonomija ċirkolari;

34. Iħeġġeġ il-ħolqien ta' standard internazzjonali li jiddefinixxi kif għandhom jiġu dekummissjonati t-turbini u li jagħti ħarsa ġenerali komprensiva tar-regoli u r-regolamenti dwar id-dekummissjonar, filwaqt li jaderixxi mal-prinċipji ta' ekonomija ċirkolari;

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2021

35. Jenfasizza li għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti finanzjarji sabiex ikopru r-riskji fit-tul li jirriżultaw minn infrastruttura offshore abbandunata li tista' titneħħa sabiex is-sajd ikun jista' jerġa' lura b'mod sikur;

36. Jenfasizza li kwalunkwe infrastruttura taħt qiegħ il-baħar li titħalla fil-post għandha tkun soġġetta għal monitoraġġ xieraq;

37. Jenfasizza li studji empiriċi reċenti ma jinkludux valutazzjonijiet tal-effetti ekonomiċi, soċjoekonomiċi u soċjokulturali tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar fuq is-sajd; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq aktar riċerka minbarra li tistudja l-impatti ambjentali sabiex tivvaluta l-impatti ekonomiċi u soċjali possibbli fuq is-sajd tal-investimenti fl-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar u tidentifika modi xierqa biex jingħelbu dawn l-impatti negattivi;

38. Jenfasizza li huma meħtieġa programmi standardizzati ta' monitoraġġ u armonizzazzjoni tad-data dwar l-isforz tas-sajd biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-impatt ekoloġiku u soċjoekonomiku kif ukoll ambjentali kumulattiv tal-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar u jisħaq fuq li għandhom jittejbu l-kompatibbiltà u l-komparabbiltà tad-data;

39. Jipproponi li l-Istati Membri jżidu l-koordinazzjoni fil-qasam tar-riċerka tal-OWF biex jiffaċilitaw il-ġbir u l-iskambju tas-sejbiet tar-riċerka u tad-data, kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki; ifakkar li l-enerġija eolika fuq il-baħar hija waħda mill-aktar teknoloġiji avvanzati, iżda li sistemi oħra ta' enerġija rinnovabbli jistgħu jkunu promettenti, u f'ċerti każijiet aktar xierqa, f'xi oqsma fejn iseħħu l-attivitajiet tas-sajd u b'hekk ikollhom impatt inqas dannuż fuq l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali; jenfasizza l-importanza li tingħata spinta lill-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp f'dan ir-rigward;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni transfruntiera fl-ippjanar tal-ispazju marittimu, inkluż mar-Renju Unit, l-akbar produttur tal-enerġija eolika fuq il-baħar fl-Ewropa, sabiex jinstabu soluzzjonijiet għal problemi komuni, jiġu integrati l-konnessjonijiet tal-elettriku u jitgħallmu mill-aħjar prattiki;

41. Jiddikjara li l-ippjanar tal-ispazju marittimu jrid ikollu rwol ewlieni, billi jiddistingwi kull żona marittima abbażi tal-karatteristiċi tiegħu stess u għandu jagħmel enfasi akbar fuq il-valutazzjoni tal-kisba ta' għażliet ta' kolokazzjoni u l-użu multiplu tal-OWFs, li huwa tal-akbar importanza biex tinkiseb sitwazzjoni ta' benefiċċju għal kulħadd għas-sajd sostenibbli, l-akkwakultura u s-settur tal-enerġija fuq il-baħar, u biex tiġi inkluża l-parteċipazzjoni effettiva tas-sajd fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'kuntrast mal-kunċetti vagi żżejjed ta' "konsultazzjoni" u "osservaturi", it-twettiq ta' kunflitti li saru u s-soluzzjoni minn qabel dwar kunflitti ta' użu;

42. Jistieden lill-Istati Membri, bħala l-awtorità kompetenti dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu, fil-kuntest tal-ħidma kontinwa tagħhom u r-reviżjonijiet sussegwenti tal-pjanijiet tal-ispazju marittimu nazzjonali, biex iqisu l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-effetti negattivi tat-turbini eoliċi fuq il-baħar fuq is-sajd jiġu evitati u li għalhekk dawn jitqiegħdu 'l bogħod miż-żoni tas-sajd;

43. Jippromwovi l-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fl-ippjanar tal-ispazju marittimu, bl-intenzjoni li jipprovdi qafas ibbażat fuq is-sistemi għall-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar u l-interazzjoni tagħhom ma' attivitajiet soċjoekonomiċi;

44. Jenfasizza l-importanza ta' skemi ta' produzzjoni tal-enerġija komunitarja li jippermettu lill-komunitajiet u l-kooperattivi kostali, inklużi s-sajjieda, jiġġeneraw l-elettriku tagħhom stess u jerġgħu jinvestu l-profitti lura fil-komunità;

45. Jenfasizza li l-OWFs għandhom jinbnew biss jekk tkun garantita l-esklużjoni tal-impatti ambjentali u ekoloġiċi negattivi, kif ukoll dawk ekonomiċi, soċjoekonomiċi u soċjokulturali fuq is-sajjieda u l-produtturi tal-akwakultura, skont l-objettivi tal-Ekonomija Blu u l-Patt Ekoloġiku Ewropew;

46. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu l-impatt tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar fuq l-ekosistema tal-baħar u s-sajd meta jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom;

47. Iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu fuq l-iżvilupp u l-użu ta' forom oħra ta' enerġija rinnovabbli;

48. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt biex teżamina l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija tal-bini ta' faċilitajiet tal-OWF fejn x'aktarx li dawn jidħlu f'kunflitt mas-settur tas-sajd u s-sostenibbiltà tal-ħajja tal-baħar;

49. Jenfasizza li l-kooperazzjoni fis-setturi kollha attivi fl-ambjent u l-ekonomija fuq il-baħar se tkun ukoll xprun għal tranżizzjoni ġusta; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-inizjattivi li jistimulaw l-ekonomiji lokali u l-attivitajiet ekonomiċi fuq il-baħar u ssib sinerġiji bejn setturi li jistgħu jservu ta' bażi għal irkupru ekonomiku li jibqa' validu għall-futur;

50. Jenfasizza li eżempji ta' koeżistenza bejn is-settur tas-sajd u s-settur tal-enerġija eolika fuq il-baħar jeżistu diġà, u li din l-esperjenza għandha tintuża biex jinstabu u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki għaċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-infrastruttura tal-baħar;

51. Jenfasizza li l-partijiet ikkonċernati għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw u li jkollhom vuċi fl-ippjanar tal-ispazju marittimu;

52. Jenfasizza li l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni bikrija, ekwitabbli, effettiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari tas-sajjieda u tal-produtturi tal-akkwakultura, il-ħolqien ta' linji gwida trasparenti u l-ħlas ta' kumpens jistgħu jtaffu l-potenzjal ta' kunflitt u joħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn is-sajd u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar;

53. Jappella lill-UE tippromwovi u tappoġġja l-OWF fl-azzjoni esterna tagħha, b'mod partikolari ma' pajjiżi terzi fejn l-aċċess għall-enerġija għadu irregolari u limitat, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku;

54. Jenfasizza li l-prinċipju ta' prekawzjoni, f'konformità mal-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), għandu japplika jekk id-deċiżjonijiet ikollhom jittieħdu qabel ma jkunu disponibbli l-għarfien jew l-informazzjoni meħtieġa;

55. Jinnota li jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri fil-livell tal-UE, inkluża l-leġiżlazzjoni, minħabba li l-evidenza tissuġġerixxi li l-ippjanar tal-ispazju marittimu tal-Istati Membri ma jiggarantixxix l-inklużjoni ġusta tas-sajjieda u partijiet ikkonċernati oħra u, fejn xieraq, kumpens għas-sajd;

56. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu jiggarantixxu l-inklużjoni ġusta tas-sajd, il-kontinwazzjoni sostenibbli tal-attivitajiet tagħhom u jirriflettu b'mod ġust l-interessi leġittimi tas-sajjieda, ta' dawk li jiġbru l-frott tal-baħar u tal-akkwakulturisti;

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.